MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2009

Avviz Numru. 284/2009

**GO p.l.c. (C 22334)**

**Vs**

**Joseph Zahra (ID 704153M)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' erba' telef, erba' mija sebgha u disghin ewro u tletin centezmu (€4497.30), rapprezentanti ammont mill-konvenut dovuti n konnessjoni ma' kuntratt ghal pagamenti mensili datat 26 t'April 2002 (CN 216999-AC10058083).

Illi minkejja li dahal f'dan il-ftehim ghal hlasijiet rateali mas-socjeta' attrici, il-konvenut naqas li jonora l-impenn tieghu assunt tant illi kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-avviz u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumneti annessi mal-istess rikors a fol 3 sa fol 5 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-14 ta' Ottubru 2009 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Wara li rat ukoll in-nota tal-istess konvenut presentata fir-registru tal-Qorti fl-14 ta' Ottubru 2009 u li biha l-istess konvenut jidher li ammetta it-talbiet kollha.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' €4497.30 bl-imghaxijiet legali mill-erbgha (4) ta'Awissu 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------